

V

(Avviżi)

PROĊEDURI TAL-QORTI

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-25 ta' Ottubru 2017 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-389/15) ⁽¹⁾

(Rikors għal annullament — Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar Ftehim ta' Lisbona rrevedut dwar id-denominazzjonijiet ta' oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi — Artikolu 3 (1) TFUE — Kompetenza esklużiva tal-Unjoni — Politika kummerċjali komuni — Artikolu 207 (1) TFUE — Aspetti kummerċjali tal-proprjetà intellettwali)

(2017/C 437/02)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Castillo de la Torre, J. Guillem Carrau, B. Hartmann, A. Lewis u M. Kocjan, aġenti)

Intervenjent insostenn tar-rikorrenti: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: J. Etienne, A. Neergaard u R. Passos, aġenti)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Balta u F. Florindo Gijón, aġenti)

Intervenjenti insostenn tal-konvenut: Ir-Repubblika Ċeka (rappreżentanti: M. Hedvábná u K. Najmanová, M. Smolek u J. Vlácil, aġenti), Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: T. Henze u J. Techert, aġenti), Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentant: M. Tassopoulou, aġent), Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: M. A. Sampol Pucurull, aġent), Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: G. De Bergues, D. Colas, F. Fize, B. Fodda u D. Segoin, aġenti), Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: G. Palmieri, aġent, assistita minn S. Fiorentino, avvocato dello Stato), L-Ungerija (rappreżentanti: M. Bóra, M. Z. Fehér u G. Koós, aġenti), Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi (rappreżentanti: M. Bulterman, M. Gijzen u B. Koopman, aġenti), Ir-Repubblika tal-Awstrija (rappreżentant: C. Pesendorfer, aġent), Ir-Repubblika Portugiża (rappreżentanti: M. Figueiredo, L. Inez Fernandes u M. L. Duarte, aġenti), Ir-Repubblika Slovakkja (rappreżentanti: M. Kianička, aġent), Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (rappreżentanti: C. Brodie u D. Robertson, aġenti)

Dispożittiv

- 1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 8512/15, tas-7 ta' Mejju 2015, li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar Ftehim ta' Lisbona rrevedut dwar id-denominazzjonijiet ta' oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi, għal dak li jirrigwarda kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni Ewropea, hija annullata.
- 2) L-effetti tad-Deċiżjoni 8512/15 għandhom jinżammu sad-dħul fis-seħħ, f'terminu raġonevoli li ma jistax jaqbeż is-sitt xhur b'effett mid-data tal-għoti ta' din is-sentenza, ta' deċiżjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ibbażata fuq l-Artikoli 207 u 218 TFUE.
- 3) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea huwa kkundannat għall-ispejjeż.

- 4) Ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, l-Ungerija, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika Slovakkja, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq kif ukoll il-Parlament Ewropew għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

⁽¹⁾ ĠU C 311, 21.9.2015.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-25 ta' Ottubru 2017 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Taljana

(Kawża C-467/15 P) ⁽¹⁾

(Appell — Għajjnuna mill-Istat — Għajjnuna mogħtija mir-Repubblika Taljana lill-produtturi tal-ħalib — Skema ta' għajjnuna marbuta mar-rimbors tat-taxxa fuq il-ħalib — Deċiżjoni kundizzjonata — Deċiżjoni meħuda mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea abbażi tat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 108(2) TFUE — Regolament (KE) Nru 659/1999 — Artikolu 1(b) u (ċ) — Għajjnuna eżistenti — Għajjnuna ġdida — Kunċetti — Tibdil ta' għajjnuna eżistenti bi ksur ta' kundizzjoni li tiżgura l-kompatibbiltà tal-għajjnuna mas-suq intern)

(2017/C 437/03)

Lingwa tal-proċedura: it-Taljan

Partijiet

Appellanti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Di Bucci u P. Němečková, aġenti)

Parti oħra fil-proċedura: Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: G. Palmieri, aġent, assistit minn S. Fiorentino u P. Grasso, aġenti)

Dispożittiv

- 1) Il-punti 1, 2 u 4 tad-dispożittiv tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-24 ta' Ġunju 2015, L-Italja vs Il-Kummissjoni (T-527/13, EU:T:2015:429), huma annullati.
- 2) Ir-rikors ippreżentat mir-Repubblika Taljana quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża T-527/13 huwa miċħud.
- 3) Ir-Repubblika Taljana għandha tbatì, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk tal-Kummissjoni Ewropea sostnuti kemm fil-kuntest tal-proċedura fl-ewwel istanza kif ukoll fil-kuntest tal-proċedura ta' appell.

⁽¹⁾ ĠU C 406, 7.12.2015.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-25 ta' Ottubru 2017 – Ir-Repubblika Slovakkja vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawżi Magħquda C-593/15 P u C-594/15 P) ⁽¹⁾

(Appell — Riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea — Deċiżjoni 2007/436/KE — Responsabbiltà finanzjarja tal-Istati Membri — Telf ta' ċerti dazji fuq l-importazzjoni — Obbligu li jitħallas lill-Kummissjoni Ewropea l-ammont li jikkorrispondi għat-telf — Rikors għal annullament — Ammissibbiltà — Ittra tal-Kummissjoni Ewropea — Kunċett ta' "att li jista' jiġi kkontestat")

(2017/C 437/04)

Lingwa tal-proċedura: is-Slovakk

Partijiet

Appellanti: Ir-Repubblika Slovakkja (rappreżentant: B. Ricziová, aġent)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Caeiros, A. Tokár, G.-D. Balan u Z. Malůšková, aġenti)